MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 65/2012

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja (8) ta’ Mejju tas-sena elf disa mija u tnejn u tmenin (vide certifikat taz-zwieg Dok “A”);

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla W illum maggorrenni (Ara Certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok “B”);

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar

Pubbliku Pierre Falzon datat hdax ta' Awissu 2005 (11/8/2005) hawn anness u mmarkat Dok "C";

Illi ghalhemm ilhom aktar minn erbgha snin ma jghixu flimkien;

Illi r-rikorrenti ma jara l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;

Illi l-partijiet kienu ddekadew minn kull dritt ghal manteniment fil-konfront ta' xulxin waqt li t-tifla illum hija maggorrenni sew;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnu u l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Awissu 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi bint il-partijiet illum il-gurnata hija maggorenni u illi il-partijiet kienu iddekadew minn kull dritt ghal manteniment fil-konfront ta' xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tiddikjara iz-zwieg bejn il-partijiet bhala mahlul u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------